MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 17

Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana iltaqa' fis-Sala tal-Komunità li tinsab fi Triq ta' Mulejja, nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2020 fit-3.00pm.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI :

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Neville Galea – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 17.1 Talba;

17.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 17.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

17.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri infurmat lill-Kunsill li ġejja tard. Hu informa wkoll li rċieva *email* mingħand is-Sur Carmel Farrugia li se jkun indispost għal-laqgħa li skond hu kienet se tkun il-ġurnata ta' qabel. Il-Kunsill bagħtlu lura li l-laqgħa kienet skedata għal-Ġimgħa u mhux għal Ħamis, imma l-Kunsill baqa' bla risposta.

## 17.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

17.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa Nru: 16 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija. Dawn il-minuti kienu ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Ryan Debrincat u ppreżentati waqt il-laqgħa mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sur Neville Galea.

17.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

17.3.3 Is-Sindku ressaq emenda tal-minuti 16.4.1. Is-Sur Horace Micallef talab biex jiżdied dak li qal mal-minuti 16.9; biex il-Kunsill jistaqsi lill-Avukat jekk jiġri xi ħaġa jew iwegga' xi ħadd, jew jekk issir xi ħsara f'xi proprjeta', is-sid jista' jfittex lil kunsill jew kunsilliera personali?

17.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 17.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

17.4.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg ta merħba lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sur Neville Galea u flimkien mal-Kunsilliera awgurawlu

għall-ħidma. L-aħħar ġurnata tas-Sur Ryan Debrincat kienet it-3 ta' Lulju 2020.

17.4.2 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li twaħħlet il-*bollard* quddiem l-Għajn il-Kbira wara li ġie konfermat il-permess minn Transport Malta. Hu rringrazzja lid-Direttur Ġenerali u lill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex tax-xogħol li twettaq.

17.4.3 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg informa li ġew imġedda s-sinjali sofor fi Triq il-Għajn, bejn it-Triq Qalb ta' Ġesù u Triq il-Kappillan Hili. Is-Sur Horace Micallef informa lil dawk preżenti li t-tiġdid tas-sinjali ta' l-*slow signs* u z-*zebra crossings* ta' Triq il-Kappillan Hili ser isiru l-ġimgħa ta' wara.

17.4.4 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa lil dawk preżenti li madwar xahar ilu ġie ffirmat il-kuntratt ta' xogħol ta' tisbieħ bil-*porvido* fi Triq iċ-Ċentru Parrokkjali u parti minn Triq ta' Mulejja tal-*porvido* ta' wara l-Knisja sal-lum ix-xogħol għadu bediex. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni lill-kuntrattur. Hu tenna li hu u nieżel ra xi ħaddiema jieħdu l-livelli. Hu fakkar li skond il-ftehim ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar dan ix-xogħol irid jitlesta sa' Novembru. Il-kuntratt hu ta' sittax-il ġimgħa u ġa għaddew erba' ġimgħat u nofs. Kien hemm qbil li biex l-Kunsill jikteb lill-kuntrattur.

17.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-istudent taħt l-iskema *Work Exposure Scheme* imnedija minn *JobsPlus* beda jaħdem u għandu sa' l-aħħar ta' Settembru.

17.4.6 Is-Sindku informa li l-Isqof Maħtur Dun Anton Teuma bagħat lill-Kunsill ittra ta' ringrazzjament.

17.4.7 Dwar il-każ tal-ġabra ta' l-iskart riċiklabbli u ħġieġ, is-Sindku informa li fil-laqgħa tar-Reġjun kien talab għal xi tip ta' għajnuna mir-Reġjun Għawdex u t-tweġiba tal-President kienet li r-Reġjun ma jistax jagħti flus minn tar-Reġjun. Dan hu konfermat fil-minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun li kienet saret b'urġenza. Hu tenna li klabbs tal-football jingħataw fondi filwaqt li kunsill ma jingħatax. Is-Sindku Saviour Borg issuġġerixxa biex il-Kunsill jikteb lir-Reġjun Għawdex biex il-lokalità tal-Fontana tingħata xi fondi, dan għar-raġuni li l-Fontana u l-lokalità tal-Għasri fejn ma hemmx klabb tal-futbol. Is-Sur Horace Micallef issuġġerixxa biex il-Kunsill jipproponi xi tip għajnuna lir-Reġjun. Is-

Sindku wieġeb li l-Kunsill jista' jipproponi lir-Reġjun biex isiru l-fanali ta' fuq iz-zuntier. Il-Kunsill qabel.

17.4.8 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv attenda għal-laqgħa mal-Ministru ta' l-Ambjent fuq il-fondi tad-*Development Planning Fund* mill-PA. Hu qal li Għawdex hawn madwar €4.5M u li l-Ministru ħeġġeġ biex dawn il-fondi jintefqu. Hu tenna li l-Kunsill għandu mal-€91,000 b'kuntratt iffirmat, u wara li l-Kunsill staqsa, l-Kunsill għandu mal-€22,700 oħra li nġabru fid-DPF. Hu kompla billi qal li waqt dk il-laqgħa staqsa lil Perit Frans Mallia jekk il-Kunsill jistax iressaq talba biex jiġi emendat l-kuntratt tal-proġett iffinanzjat mid-DPF. Hu talab biex il-Kunsill jikteb lil PA biex jiġi emendat il-kuntratt biex dawn il-fondi jintefqu wkoll fuq dan il-proġett. Is-Sindku qal li għandu jidħol l-kumplament tax-xogħol tal-*porvido* li kien ser jitħallas mill-fondi tal-Kunsill fil-parti tan-naħħa ta' wara tas-Sangristija fit-Triq Ta' Mulejja. Kien hemm qbil.

17.4.9 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill għandu bżonn jixtri l-lampi għall-manutenzjoni għall-fanali dekorattivi ta' diversi toroq. Kien hemm qbil.

17.4.10 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Perit Ivana Farrugia m'aċċettatx li tagħmel il-pjanta ta' Pjazza l-Għejjun qabel Awwissu u nfurmatu li fil-każ isib lil ħaddieħor. Hu kompla billi qal li avviċina lil Perit Gordon Vella u dan aċċetta. Is-*survey* sar din il-ġimgħa. Hu informa li malli dan is-*survey* jkun lest u ffirmat mill-Perit, dan jintbagħat lil Awtorità ta' l-Artijiet.

17.4.11 Is-Sindku informa li hemm it-tabella tal-konfini fil-Wied tax-Xlendi magħwġa. Talab biex il-Kunsill jibagħat talba lil Ministeru għal Għawdex biex tiġi rranġata. Kien hemm qbil.

17.4.12 Il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri daħlet għal-laqgħa fit-3.20pm.

17.4.13 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg tenna wkoll li la darba l-Kunsill għandu l-permess ta' Transport Malta, għandha titwaħħal il-*bollard* l-oħra fuq il-bankina ta' ħdejn l-Għajn il-Kbira. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef qal li jaqbel kif ukoll in-naħa l-oħra. Hu talab biex il-Kunsill jagħmel talba lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.

17.4.14 Is-Sindku informa li l-pjanta tal-*parking spaces* ta' Triq ta' l-Għajn bejn Triq il-Qalb ta' Ġesù u Triq il-Kappillan G. Hili baqgħet ma saritx minn Transport Malta. Issuġġerixxa biex il-Kunsill iqabbad Perit. Il-Kunsill qabel li jqabbad lill-Perit Gordon Vella.

17.4.15 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa li l-kampnar tal-Knisja Parrokkjali ilu aktar minn xahrejn mitfi, minkejja li r-restawr tiegħu ilu aktar minn xahrejn li tlesta. Dan il-*floodlighting* kien sar mill-Kunsill. Kien hemm qbil biex il-Kunsill javża lill-Kappillan.

17.4.16 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa lil dawk preżenti li ċertu wieħed Joseph Bajada miż-Żebbuġ, li kien silef lil Fr Bezzina ritratt tat-tim tal-futbol *St Andrew Football Club* għall-ktieb *Il-Fontana u Ġrajjietha*, talab għal-kopja ta' l-istess ktieb. Kien hemm qbil li jingħata wieħed.

17.4.17 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg informa lil dawk preżenti li kellu talba biex issir wirja ta' l-għasafar mill-Għaqda tat-Trobbija ta' l-Għasafar f'Għawdex, fis-sala tal-Kunsill f'Diċembru ta' din is-sena. Il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi li qegħdin fihom ma' jkunx għaqli li tintlaqa' din it-talba.

**17.5 Aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti:**
***Works Tender for the excavation of trenches and replacement of house connections in Triq il-Għajn, Fontana (FLC/03/2020);***

17.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-bord tal-evalwazzjoni iltaqa' nhar l-14 ta' Lulju 2020. Kien hemm żewġ offerenti:
PRAX Concrete Ltd - €127,145.88
GATT Tarmac - €138,752.42

17.5.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li skond ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni, l-irħas offerent ma' kienx *technically compliant*, filwaqt li l-offerta ta' GATT Tarmac kienet taqbeż il-baġit allokat b'4.66%. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta ma' tingħatax. Wara diskuzzjoni bejn dawk preżenti, kien hemm qbil li din is-sejħa ma tingħatax, u jerġa joħroġ dan it-tender wara li jgħaddi ż-żmien ta' l-appell.

**17.6 Is-sitwazzjoni tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku;**

17.6.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li dik il-gimgħa kien hemm seduta l-Qorti, u l-kawża ġiet aġġornata għal-20 ta' Awwissu, fejn se jittressaq bħala xhud is-Sur Jurgen Spiteri mill-Awtorità tal-Artijiet. Hu kompla billi qal li t-Tnejn ta' qabel, il-Kunsill irċieva ittra reġistrata mingħand is-Sur Jurgen Spiteri mill-Awtorità ta' l-Artijiet. Ir-raġunijiet li ingħataw f'din l-ittra kienu *1) According to the Lands Authority records, the Fontana Local Council has no title over premises at 190, Triq tal-Għajn, Fontana, and 2) The aforementioned premises, at 190, Triq tal-Għajn, Fontana, are subject to an ongoing court case and any Lands Authority commitments at this stage could prejudice the outcome of the court decision.* Mill-ewwel ġie nfurmat l-Avukat tal-Kunsill b'din l-ittra. Din l-ittra ngħaddiet lil dawk preżenti. Is-Sindku qal li tajjeb li jiġi nnutat li din l-ittra fiha verżjoni oħra, ix-xahar ta' qabel intqal mod, u issa intqal mod ieħor. Hu kompla billi qal li l-Avukat tal-Kunsill ta parir biex il-Kunsill jappella minn din l-ittra ukoll. Kien hemm qbil. Is-Sur Horace Micallef tenna li din id-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet hija aktar ġusta minn ta' qabel. L-Avukat tal-Kunsill kienet Dr Claire Caruana minħabba l-fatt li l-Avukat Dr Jean Paul Grech ma setax jattendi peress li minħabba li l-avviż kien ta' ftit jiem, għalhekk kellu impenji oħra. Għall-Awtorità ta' l-Artijiet deher Dr Joshua Grech flok Dr Justyne Caruana. Wara li kien hemm kuntatt ma' l-Avukat tal-Kunsill, u diskussjoni bejn il-membri dwar dan, kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti li l-Kunsill għandu jappella minn din l-ittra tal-Awtorità tal-Artijiet.

## 17.7 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv;

17.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tat-terminazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Is-Sur Ryan Debrincat mid-Dipartiment. Inqrat din l-ittra. Hu tenna li fl-istess ittra, d-Dipartiment ta l-approvazzjoni tiegħu biex il-Kunsill Lokali joħroġ is-sejħa għall-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv skond kif mitlub fil-Linji Gwida. Is-Sindku talab lid-Dep. Seg. Ezekuttiv biex tinħareġ din is-sejħa. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wera l-intenzjoni tiegħu li japplika għal din is-sejħa, għalhekk ma setax ikun Segretarju tal-Bord. Is-Sindku nnomina lis-Sur George Refalo, eks Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill biex iservi bħala Segretarju tal-bord. Is-Sindku qal li s-Sur Refalo kien offrielu biex joqgħod Segretarju tal-bord f'każ ta' xi sejħa. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

17.7.2 Is-Sindku s-Sur Saviour Borg issuġġerixxa li għall-Bord ta' l-Għażla jintgħażlu l-membri tal-bord tas-soltu; lis-Sur Paul Buttigieġ, ex-Sindku tal-Kunsill Lokali Qala bħala Chairman tal-Bord, u bħala membri lis-Sindku s-Sur Saviour Borg u lis-Sur Horace Micallef. Il-Kunsill approva din in-nomina għall-membri tal-Bord tal-Għażla.

## 17.8 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

17.8.1 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa għall-permess mill-Kunsill biex isir tiġi organizzata *Sportsfest* proposta bejn l-Erbgħa 2 ta' Settembru u l-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2020, kif ukoll biex issir attività soċjali *Pasta Night* nhar it-8 ta' Awwissu 2020. Iż-żewġ attivitajiet ser isiru fi Triq Ta' Mulejja wara s-sangristija. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti li minħabba ċ-ċirkustanzi li żviluppaw u d-direttivi li nħarġu minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jingħata l-permess għall-attivita' tal-Pasta Night tat-8 ta' Awwissu 2020, sakemm ikun hemm il-permessi neċessarji ta' l-Awtoritajiet Sanitarji, u dejjem jekk ma' jkunux bdew ix-xogħlijiet f'dawn l-inħawi. Rigward l-attività *Sportsfest*, il-Kunsill Lokali qabel b'mod unaminu li minħabba l-miżuri li nħarġu f'dawn l-aħħar jiem mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, il-Kunsill ma' jistax jieħu sehem f'din l-attività.

17.8.2 Ċirkulari Nru AKL 2020/077 – Artiklu fuq il-ġurnal – Il-Ħidma tal-Kunsilli Lokali matul il-COVID-19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.3 Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur M. Gauci għall-għajnuna finanzjarja mingħand il-Kunsilli Lokali għall-attività organizzata f'Għawdex għat-tfal Għawdxin. Ma' kienx hemm qbil minn dawk preżenti.

17.8.4 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Zammit mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *Lifelong Learning Courses 2020/2021*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.5 Korrispondenza mingħand is-Sa. S. Spiteri dwar ilment ta' ħasil ta' accessoriji tal-BBQs fil-Għajn tal-Ħasselin. Kien hemm qbil minn dawk

preżenti li l-Kunsill jibgħat lil Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

17.8.6 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Axiaq mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett *POC 66/2020 – Tender – Household waste collection*. Is-Sindku wieġeb li dan it-tender se jerġa joħroġ għat-tielet darba. Kien hemm qbil.

17.8.7 Ċirkulari Nru AKL 2020/078 – Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.8 Ċirkulari Nru AKL 2020/080 – Depożitu ta' Muniti – BOV. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.9 Ċirkulari Nru AKL 2020/081 – Korsijiet akreditati fuq Livell minn MQF 4 sa MQF 7 – Sponsorship mill-AKL għall-applikanti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.10 Komunikazzjoni mingħand is-Sa. J. Abdilla mill-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Case 122/2020 – Servizzi li jingħata mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.11 Ċirkulari Nru AKL 2020/082 – MCAST Lulju 20/21. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2020/083 – Workshop BOV fuq Depożiti ta' Flus. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.13 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bis-suġġett *Life Integrated Projects: Promotion & EASME support*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.14 Korrispondenza mingħand is-Sa. S. Agius mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett *B.A. (Hons) Politics and Governance October 2020 – Local Councils*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.15 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Zammit mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bis-suġġett *Call Requesting Collaboration from Local Councils – Pruning of Palms to be used in fisheries*. Is-Sindku ssuġġerixxa żewġ siġriet tal-palm fil-*playingfield* u f'Wied tax-Xlendi. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

17.8.16 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Aquilina mill-ERA bis-suġġett *Talba għall-għajnuna tal-Kunsilli Lokali waqt laqgħat Pubbliċi Virtwali Onlajn fuq Konsultazzjonijiet Pubbliċi.* Ġie nnutat il-kontenut.

17.8.17 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett *Attn: Save the Date and Agenda – Invitation to the ECP Malta Online Webinar – 28th July 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.18 Korrispondenza mingħand is-Sur S. Miceli mill-ERA bis-suġġett *Wellbeing First: A Vision for Malta's Environment, National Strategy for the Environment 2050.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/084 – Il-Preżentazzjoni tal-Workshop BOV fuq Depożiti ta' Flus. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.20 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Sammut bis-suġġett *Blue Heart Campaign.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.21 Ċirkulari Nru AKL 2020/085 – Komunikazzjoni AKL u ANSEK. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.22 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett *Proposti għall-Baġit 2021.* Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jipproponi li jiżdiedu l-fondi għall-kunsilli lokali żgħar. Kien hemm qbil.

17.8.23 Korrispondenza mingħand is-Sur S. Miceli mill-ERA bis-suġġett *Public Consultation on the Intent and Objectives of the National Biodiversity Strategy and Action Plan to 2030.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.8.24 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Spiteri mill-Awtorità tal-Artijiet bis-suġġett *Notification to the Lands Authority for the applicant to submit a Development Application in terms of Article 71 (5) of Chapter 552 of the Laws of Malta.* Din il-korrispondenza ġa ġiet diskussa, fejn kien hemm qbil bejn il-membri li l-Kunsill għandu jappella minn din l-ittra.

17.8.25 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-iskrivana tal-Kunsill is-Sa. M. Falzon tinforma lill-Kunsill li se tirreżenja mill-post ta' skrivana *part time* minħabba l-fatt li se tibda taħdem bħala skrivana *part time* mal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem. Il-Kunsill qabel li l-ewwel għandha toħroġ is-Sejħa tas-Segretarju Eżekuttiv u imbagħad toħroġ sejħa oħra ta' l-iskrivana.

17.8.26 Ilment Nru: 16/2020

Daħal ilment fuq resident fi Triq Sptar San Ġiljan u li quddiem dan ir-resident għandu kaxxa tad-*disabled parking*. Qed jilmenta li dan qed iħalli l-kaxxa dejjem vojta u jieħu spazju ta' parkeġġ ieħor, fejn diġa hemm problema ta' parkeġġ f'din it-triq. Is-Sinjura Josephine Camilleri tenniet li dan jiġi ħuha u min għamel l-ilment messu wera ismu, dik hi kaxxa komuni għal kulħadd u mhux għalih personali. Is-Sur Horace Micallef tenna li mhux qed jagħmel sew għax la darba talab għal dan il-parkeġġ hu, imissu jipparkja go fih. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tar-resident biex dan jipparkja fil-kaxxa li saret għal dan il-għan. Kien hemm qbil.

17.8.27 Ilment Nru: 18/2020

Qed tilmenta' li fi Triq Sptar San Ġiljan qed ikun hemm riħa qawwija ta' drenaġġ. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Inġinier Camilleri mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kien hemm qbil.

17.8.28 Ilment Nru: 19/2020

Qed tilmenta li qed jintrema skart fuq in-naħħa ta' wara tad-dar tagħha fit-Triq is-Sajjieda. Qed titlob li titwaħħal tabella biex ma' jintremiex skart. Is-Sindku wieġeb biex titwaħħal tabella. Kien hemm qbil.

17.8.29 Ilment Nru: 20/2020

Qed tilmenta li fi Triq San Martin, qed jintefa' skart ħdejn residenza mhux abitata u qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Id-Deputat Seg Ezekuttiv wieġeb li ntbagħat is-Sur E. Conti biex inaddaf.

17.8.30 Ilment Nru: 21/2020

Qed jilmenta' li qed jgħaddi trakk minn Triq l-Isptar San Ġiljan għal Triq il-Għajn mimli ħaxix u frott imħassar u qed iqattar mat-triq kollha u qed iħalli diversi rwejjaħ jintnu. Jixtieq li jsir rapport lil tas-Sanita'. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien ġa ġibed l-attenzjoni fi żmien is-Segretarju preċedenti. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li l-Kunsill jerġa' jinforma lil Għaqda KIP.

17.8.31 Ilment Nru: 22/2020

Qed tilmenta' li fin-naħħa ta' fuq ta' Triq Wied Siekel qed ikun hemm riħa qawwija ta' drenaġġ. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Inġinier Camilleri mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kien

hemm qbil.

17.8.32 Ilment Nru: 23/2020
Qed jilmenta' li fi Triq ta' Mulejja sar xogħol ta' servizz ta' drenaġġ f'dar privata u t-triq għadha ma' ġietx irranġata kif kienet qabel. Ir-residenti ma' jistgħux jifthu t-twieqi minħabba l-ammont ta' trab u żrara li hemm fit-triq. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol issa ilu li sar madwar erba' ġimgħat. Is-Sur Horace Micallef wieġeb biex il-Kunsill jibgħat *email* lis-Sezzjoni ta' *Trenching* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex jagħmlu rapport. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġa bagħat lil Inġinier Camilleri mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u ġie infurmat li l-*Water Services Corporation* u sid din id-dar ser jagħmlilhom it-tiswija bil-*hot asphalt* mir-Road Construction Ltd.

## 17.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

17.9.1 Il-Kunsillier Horace Micallef ressaq ilment rigward rapport li deher fuq il-medja soċjali fuq ilma maħmuġ jew drenaġġ li ħiereġ fi Sqaq l-Andar. Is-Sindku wieġeb is-sidien messhom jew daħlu ilment il-Kunsill jew irrapurtaw lil Awtoritajiet konċernati, u mhux iħammġu lil Kunsill fuq il-*Facebook*. Is-Sur Horace Micallef tenna li hu stess ċempel lil-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għal-ħabta tad-9.00am u ftit wara, din il-problema kienet solvuta peress li kienet ħsara tal-ilma. Il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri qalet li hi lanqas tixtieq li residenti jgħixu f'dak il-ħmieġ ta' ilma.

17.9.2 Is-Sur Jonathan Cefai ppropona biex in-niċċa tal-Kunċissjoni titnaddaf. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jikteb lis-sid. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien nefaq aktar minn €4,000 f'xogħolijiet ta' restawr u ma' tkunx ħaġa kbira li s-sid jieħu hsiebha. Il-Kunsill qabel li jinforma lis-sid biex jieħu ħsieb jżommha nadifa.

17.9.3 Is-Sur Jonathan Cefai staqsa tistax issir xi ħaġa fi Triq il-Kapillan Hili, minħabba l-problema li karozza qed jipparkjaw maġenb *driveway* u residenti ma' jkunux jistgħu joħorġu minn gol-garaxx. Is-Sur Horace Micallef tenna li min kien seta jagħmel rapport lill-awtoritajiet.

17.9.4 Il-Viċi Sindku, s-Sinjura Josephine Camilleri infurmat li hemm xi bozza maħruqin fi Sqaq No 2 fi Triq il-Għajn. Is-Sindku wieġeb li din tranġat din il-ġimgħa.

## 17.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

17.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 13/2020 għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2020 u l-31 ta' Lulju 2020 li tammonta għal €7,050.95 ġiet approvata u ffirmata.

## 17.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

17.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2020 fl-4.00pm, wara talba mill-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri għax-xhur tas-Sajf.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2020.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Deputat Segretarju Eżekuttiv